MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru 978/2009

PULIZIJA
SPETTUR YVONNE FARRUGIA
VS
DARREN DAVID BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta l-imputat Darren David Borg,  ta’ 34 sena, iben David John u Irene nee’ Baldacchino, imwieled Guelph, Wellington County, Canada, fil-25 ta’ April 1974, residenti f’36, Triq il-Katakombi, Marsaskala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 22092(M);

Illi huwa akkuzat:

1. Talli fid-29 ta’ Lulju 2008 u l-granet ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta’ Anthony Portelli;
2. Ukoll talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghad-detriment ta’ Anthony Portelli, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali (a fol 15) u dak tal-imputat (a fol 8) sabiex il-kaz jigi trattat bi proceudra sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda tal-ufficcjal prosekutur jirrizulta illi l-imputat kien dahal fi ftehim mal-kwerelant li huwa photographer sabiex jiehu r-ritratti tat-tieg.

Dawn tlestew, tqieghdu go album izda l-imputat qatt ma gabarhom.

Gara li tlett snin wara t-tieg, l-imputat kellu problemi matrimonjali u mar ghall-album tar-ritratti, hallas is-soma

ta’ Euro 730 permezz ta’ cheque mill-*joint bank account* li l-imputat kellu ma martu.

Fl-istqarrija tieghu, (Dok. YF 6 a fol 24 et sequitur) l-imputat sostna illi meta hareg dan ic-cheque huwa kellu Euro 2000 fil-kont.

L-imputat stqarr illi l-kwerelant kellu jsiefer u kien probabbli li mar isaffru wara xi zmien. Huwa stqarr illi kien lest li jhallas lill-kwerelant.

L-Ispettur Yvonne Farrugia esebiet YF 1 – 7 *mobile u bank statements*.

A fol 21 u 22 jidher car illi l-imputat kien iddeposita disgha elef Ewro (Euro 9,000) bejn il 15 u is- 16 ta’ Lulju 2008 izda fid-29 ta’ Lulju meta gie pprezentat ic-cheque tal-kwerelant, dan gie *referred to drawer* meta l-overdraft kien Euro 14,500 izda fid-19 ta’ Awwissu 2008 issarraf cheque ta’ elf disgha mija ua hamsin Ewro (Euro 1,950) meta l-overdraft kienet sittax il elf mija u hamsin Ewro ( Euro 16,150).

Fl-istadju bikri tal-proceduri l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mall-kwerelant Portelli (ara rcevuti a fol 31 u 32).

Anthony Portelli a fol 33 et sequitur, kkonferma x-xhieda ta’ l-ufficcjal prosekutur, kif huwa kien il-fotografu tat-tieg tal-imputat; kif dan qatt ma kien gabar ir- ritratti minkejja li kien cempillu diversi drabi; kif wara sentejn tfacca, gabar ir-ritratti u hallas permezz ta’ cheque (fol 23); kif dan ma giex onorat mill-bank tal-imputat ghalkemm il-kwerelant ghamel diversi tentattivi, sakemm finalment gie kostrett jaghmel rapport lill-pulizija. Portelli xehed illi huwa kien thallas ta’ kollox u rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Mix-xhieda ta’ Joseph Borg Cardona, manager BOV, jirrizulta illi xi granet qabel id-29 ta’ Lulju kien sar deposit ta’ disgha elef Ewro (Euro 9,000) fl-overdraft account li kellu erbghatax il elf u hames mitt Ewro ( Ewro 14,500) limitu.

Illi c-cheque in kwistjoni hareg fid-29 ta’ Lulju. Fil-31 ta’ Lulju l-imputat iddeposita erbghat elef Ewro (Euro 4,000) ohra.

L-ewwel darba li sar tentattiv biex jissarraf ic-cheque kien fil-21 ta’ Awwissu.

Joseph Borg Cardona xehed illi l-limitu tal-ammont tal-imputat huwa ta’ tlieta u ghoxrin elf Ewro (Euro 23,000).

Fit-tieni xhieda tieghu Joseph Borg Cardona, manager tal-Bank of Valletta, kkonferma illi missier l-imputat kellu *power of attorney* biex jiffirma *c-cheques* fuq l-akkont bankarju tal-imputat u ezebixxa JCB 1 sa 23, cheques mahruga minn missier l-imputat.

L-imputat Darren David Borg a fol 80 et sequitur xehed illi huwa jahdem flimkien ma huh u jimpjega zewg lavranti u li missier David Borg jiehu hsieb tal-kontijiet u pagi.

Huwa xehed illi hu u l-mara kellhom problemi matrimonjali u li biex itaffi mit-tilwim, kien mar jigbor l-album tat-tieg. Kien hallas permezz ta’ cheque u meta ghamel dan, kellu fondi fl-akkont. Gara pero’ li Portelli dam biex sarraf ic-cheques u missieru lahaq hareg xi cheques ohra. Meta Portelli mar isarraf, ma kienx hemm fondi. L-imputat xehed illi l-overdraft kienet ta’ ghaxar elef Lira Maltija (Lm10,000) u li kien nizzilha ghal sitt elef Lira Maltija (Lm6,000).

Ikkonsidrat:

L-imputat gie mixli bi truffa ai termini ta’ Art. 308 u bi frodi nnominat.

L-Artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**308. Kull min, b’mezz kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi huri haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi**

**foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.**

Illi skond il-gurisprudenza nostrali gie ritenut :

***"Ir-reat ta' truffa, taht in-nomenklatura ta'*** **escroquirie*****, gie partikolarment studjat mid-dottrina Franciza, u l-Carrara ifahhardawn l-istudji. Sabiex jikkonkorri dan ir-reat, skond dik id-duttrina, jehtieg li jkun hemm mhux biss is-semplici*** **parolemenzogniere*****, izda anke il-*****mise-en-scene*****, li taghti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ngann. Huwa necessarju ghalhekk illi jigi ppruvat li l-*****buona fede*** ***tal-vittma tigi sorpriza b'dan l-artifizju jew kwalifiki foloz, bhalma huma ismijiet foloz".***

***(ara Pulizija vs Alfred Custo deciza fl-10 ta' Lulju 1998 App. Krim.)***

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza il-**Pulizija vs George Manicolo deciza fil-31 ta' Lulju 1998** affermat:

***"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilità lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem***

***semplici";***

Illi di piu l-Prim Inhallef Dr Vincent DeGeatano **fis-sentenza l-Pulizija vs Emmanuele Ellul deciza fil-20 ta' Gunju ta' 1997** kompla jispjega li fir-reat ta' truffa:

**"Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-fond inkwistjoni sabiex dan ic-cheque jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.**

**Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma b'konsegwenti qligh ghall-agenti, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>ghax tkun giet ingannata.</u> In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta'<u> kif</u> isir it-telf u l-korrispodenti qligh".**

Illi mbaghad fil-kawza **Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza mill-Appell Kriminali per Prim Imhallef Dr Vincent DeGeatano fit-12 ta' Frar 1999** jinghad:

**"Naturalment il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf parimonjali bil-konsegwenti gwadann ghal agent".**

**Ara ukoll Pulizja vs Francis sive Franco Farrugia App. Krim. Deciza fis-7 ta' Frar 1985:**

Ikkonsidrat:

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li jonqos l-elementi essenzjali ghar-reat ta' truffa kif mahsub fil-gurisprudenza ricenti.

Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom:

(1) illi Anthony Portelli kien regolarment jaccetta pagament permezz ta’ cheque anzi kien jippreferi dan il-mod ta’ pagament (fol 35);

(2) illi jirrizulta illi fid-data li fih kien hareg ic-cheque kien hemm fondi fl-akkont – fil-15 u 16 ta’ Lulju gew depositati disgha elef Ewro (Euro 9,000) u fil-31 ta’ Lulju gew depositati erghat elef Ewro (Euro 4,000) ohra;

(3) illi Anthony Portelli pprova jsarraf ic-cheque fit-12 ta’ Awwissu;

(4) illi missier l-imputat (David Borg) li kien responsabbli ghax-xoghol amministrattiv tal-imputat kien hareg sensiela ta’ *cheques* fuq dan l-akkont;

(5) illi mart l-imputat li kienet *signatory* fuq dan l-akkont, kienet fi proceduri ta’ separazzjoni personali ma l-imputat.

Illi fl-isfond ta’ dan il-fatti kollha, din il-Qorti tqis illi meta l-imputat hallas lill-kwerelant bic-*cheque* li jinsab a fol 23, dan ghamlu in buona fede, bil-konsapevolezza li kien hemm flus bizzejjed fl-akkont biex ikoprih.

Infatt, fil-31 ta’ Lulju sar depozitu iehor ta’ erbghatr elef Ewro (Euro 4,000). Di piu’ sad-19 ta’ Awwissu, l-overdraft gie awmentat ghal sittghax il elf Ewro (Euro 16,000).

Din il-Qorti ghaldaqstant ma tista’ b’ebda mod taserixxi illi l-hlas b’cheque da parti tal-imputat “**kien mezz ghal fini ta’ ingann adoperat biex jinduci lil Portelli sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali biex konsewenzi gwadan ghall-agent” (Ibid Pulizija vs Willoughby).**

In fatti, l-ammont shih gie saldat u l-kwerelant xtaq jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skont l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------